# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

Illum, it-Tlieta, 3 ta' Ottubru 2023

**Rikors Ġuramentat numru: 36/2019 BS**

**Saviour sive Sammy Grech; Mario Grech; Ursola sive Lina Muscat; u Peter Paul Grech**

**-vs-**

**Michael Angelus sive Kenneth Grech**

**Il-Qorti;**

## A. PRELIMINARI:

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[1] li ppremettew:**

1. *"Illi huma flimkien ma' ħuhom l-intimat Michael Angelus sive Kenneth Grech huma wlied Rita Grech;*

[1] Rik. Ġur. a fol. 1 sa 7 b'dokumenti a fol. 9 sa 29.

2. *Illi ommhom Rita Grech ġiet nieqsa fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Dicembru 2016 skont kif jikkonferma c-certifikat tal-mewt hawn anness u markat bħala* ***Dokument A****;*

3. *Illi Rita Grech irregolat il-wirt u s-successjoni tagħha bis-sahha ta' testment datat sittax (16) ta' Jannar 1999 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Joanne Cauchi* ***(Dokument B****) fejn bis-sahha tiegħu hija innominat lir-rikorrenti u lill-intimat werrieta tagħha fi kwoti ugwali u indivizi bejniethom (Kopja tar-ricerki testmenti pubblici u sigrieti annessi bħala* ***Dokumenti C u D*** *rispettivament);*

4. *Illi f'Mejju 2013 meta missier il-kontendenti kien gia mejjet, Rita Grech sellfet l-ammont ta' għaxart elef ewro (€ 10,000) lil Kenneth Grech. Għalkemm dwar dan l-ammont ma saritx skrittura ta' self, kien car li dan l-ammont kien qieghed jingħata lill-intimat b'titolu ta' self u mhux b'rigal. Infatti dan is-self tal-flus kien sar fil-presenza tar-rikorrenti Sammy Grech u Ursola sive Lina Muscat u l-istess Sammy Grech kien ha ħsieb fuq struzzjonijiet ta' ommu stess li huwa jigbor dawn il-flus tagħha u jgħaddihomlha biex hija tkun tista' issellifhom lil Kenneth Grech, sewwasew kif l-istess Sammy Grech jikkonferma fl-affidavit anness ma' dan ir-rikors ġuramentat;*

5. *Illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju 2013, Rita Grech regghet sellfet lill-intimat fuq talba tiegħu stess l-ammont ta' sebgħa u sebgħin elf ewro (€ 77,000) u tali self kien ġie regolat bis-sahha ta' skrittura li saret dakinhar tal-21 ta' Mejju 2013 quddiem in-Nutar Dottor Valerie Said bħala xhud tal-firma* ***(Dokument E)****;*

6. *Illi għalhekk l-intimat issellef mingħad ommu l-ammont totali ta' sebgħa u tmenin elf ewro (€ 87,000);*

7. *Illi in kwantu l-istess intimat Michael Angelus sive Kenneth Grech huwa wkoll werriet ta' ommu, huwa intitolat li jzomm is-somma ta' sbatax-il elf u erba' mitt ewro (€ 17,400) mis-somma mislufa stante li kwinta parti mis-somma mislufa issa tispetta lilu bħala werriet ta' ommu;*

8. *Illi għalhekk il-bilanc ta' disgħa u sittin elf u sitt mitt ewro (€ 69,600) huwa dovut mill-intimat lir-rikorrenti fl-ammont ta' sbatax-il elf u erba' mitt ewro (€ 17,400) kull wiehed;*

9. *Illi in oltre huma wkoll dovuti l-interessi fuq l-ammont dovut bir- rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tat-18 ta' Mejju 2018, id-data meta ġiet spedita l-ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament, liema interessi sat-tlettax (13) ta' Mejju 2019 kienu jammontaw għal hamest elef erba' mija u wiehed u disgħin ewro u tlieta u sebgħin centezmu (€ 5,491.73);*

10. *Illi minkejja li l-intimat ġie interpellat biex ihallas lura lil hutu l- ammont ta' sitta u disgħin elf u sitt mitt ewro (€ 69,600) bħala s-sehem spettanti lilhom mill-ammont misluf mill-wirt ta' ommhom, inkluż ukoll permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Mejju 2018, ittra numru 297/2018 (liema ittra ġiet debitament notifikata)* ***(Dokument F),*** *l-intimat baqa' inadempjenti. Dan minkejja li qal li kien se jhallas l-ammont dovut sal-ahhar tas-sena elfejn u tmintax (2018)* ***(Dokument G);***

11. *Illi d-debiti imsemmija huma certi, likwidi u dovuti u safejn jafu l- esponenti, l-intimat ma għandu l-ebda eccezzjoni xi jqajjem għat- talba illi dan il-kreditu dovut lir-rikorrenti irid jithallas;*

12. *Illi għalhekk jezistu l-estremi kollha voluti mil-ligi skont l-artikolu 167(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

*sabiex din l-Onorabbli Qorti tgħaddi sabiex tiddeciedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-istess artikolu."*

**Talbu għalhekk lill-intimat jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:**

i. *"Taqta' u tiddeciedi din il-kawża bid-dispensa mis-smigh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;*

ii. *Tiddikjara lill-intimat debitur fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta' disgħa u sittin elf u sitt mitt ewro (€ 69,600);*

iii. *Tiddikjara lill-intimat debitur fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta' hamest elef erba' mija u wiehed u disgħin ewro u tlieta u sebgħin ewro centezmi (€ 5,491.73) rap preżentanti interessi fuq l-ammont dovut bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tat-18 ta' Mejju 2018 sad-data tat-tlettax (13) ta' Mejju 2019;*

iv. *Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti dawn l-ammonti elenkati fit-talbiet (ii) u (iii) flimkien ma' l-interessi relattivi mid-data tal-erbatax (14) ta' Mejju 2019 sad-data tal-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjez tal- preżenti procedura inklużi dawk tal-ittra ufficjali numru 297/2018 datata tmintax (18) ta' Mejju 2018 kif wkoll tal-mandati li qegħdin jigu preżentati kontestwalment ma' din il-kawża jew mandati oħra li jistghu jigu preżentati."*

**Rat** id-dokumenti esibiti flimkien mar-rikors ġuramentat promotur;[2]

**Rat** in-nota ġuramentata tal-10 ta' Ġunju, 2019 li biha l-konvenut Kenneth Grech ikkontesta kontra s-smigħ bil-proċedura sommarja;[3]

**Rat** li fl-udjenza tal-11 ta' Ġunju, 2019, wara trattazzjoni dwar il-proviżjonijiet tas-smigħ bil-proċedura sommarja mid-difensuri tal-partijiet, il-Qorti awtorizzat lill-konvenut iressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu;[4]

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut[5] li eċċepixxa:**

1. *"Illi t-talbiet tal-atturi kif dedotti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jigu michuda;*

2. *Illi mhux minnu li l-ammont kollu reklamat mill-atturi permezz tal-proceduri minnhom avvanzati huwa dovut mill-esponenti u dan primarjament, hekk kif gia' jinsabu infurmati l-istess atturi li parti mis-somma mitluba, cioe' għaxart elef Euro (€10,000) ma kenitx moghtija bħala self u dan hekk kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

3. *Illi konsegwentement għalhekk ma tistax tintlaqa' t-talba tal-atturi għall-ħlas tal-ammont kollu reklamat permezz tat-tieni talba tagħhom;*

4. *Illi konsegwentement ukoll għalhekk, it-talba għall-ħlas tal-imgħaxijiet hekk kif mfissra fit-tielet talba tal-atturi hija wkoll*

[2] Ċertifikat tal-mewt ta' Rita Grech numru 369/2017 a fol. 9. Testment magħmul minn Rita Grech flimkien ma' żewġha Joseph Grech nhar is-16 ta' Jannar, 1999 in atti Nutar Joanne Cauchi a fol. 10 sa 12. Riċerka testamentarja fuq Rita Grech a fol. 13 sa 22. Ftehim privat ta' kostituzzjoni ta' debitu rigward self ta' €77,000 minn Rita Grech lil binha Michael Angelus sive Kenneth Grech, iffirmat quddiem ix-xhud Nutar Valerie Said u datat il-21 ta' Mejju, 2013 a fol. 23 u 24. Ittra uffiċjali numru 297/2018 datata t-18 ta' Mejju, 2018 u mibgħuta mill-preżenti atturi lill preżenti konvenut a fol. 25. Timbru tan-notifika tal-istess ittra a fol. 26. Ittra legali responsiva datata l-25 ta' Mejju, 2018 u mibgħuta mill-preżenti konvenut lill- preżenti atturi a fol. 27. Affidavit rilaxxat mill-attur Saviour sive Sammy Grech a fol. 28 u 29.

[3] Nota a fol. 36 u 37.

[4] Digriet kontenut fil-verbal a fol. 38 u 39.

[5] Risposta ġuramentata a fol. 40 u 41.

*monka u dan stante li l-ammont hekk mitlub mhux dovut hekk kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal- kawża;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt."*

**Fliet l-atti;**

**Rat** li fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru, 2019 l-atturi talbu l-allegazzjoni tal-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 15/2019 fl-ismijiet Saviour sive Sammy Grech vs Michael Angelus sive Kenenth Grech bit-talba ntlaqgħet mill-Qorti;[6]

**Rat** li fl-istess udjenza tad-29 ta' Ottubru, 2019 l-atturi ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa;[7]

**Rat** li bejn il-partijiet kien hemm tentattivi ta' transazzjoni;[8]

**Rat** li fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru, 2022 id-difensur legali tal-konvenut ivverbalizza li kien ser isir ħlas ta' tletin elf ewro (€30,000) versu l-valur ta' sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000) mhux kontestat bħala dovut mill-konvenut lill-atturi;[9]

**Rat** in-nota tal-konvenut tat-23 ta' Dicembru, 2022 li biha ppreżenta kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni bejnu u bejn l-eks mara tiegħu;[10]

**Rat** li fl-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2023 il-konvenut iddikjara l-provi tiegħu magħluqa;[11]

**Rat** li fl-udjenza tas-26 ta' April, 2023 il-kawża ġiet iddifferita għal-lum għas-sentenza;[12]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits;

## B. PROVI:

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmula bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Saviour sive Sammy Grech**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[13] Jiddikjara li l-partijiet huma lkoll aħwa ġermani Grech ulied Rita u Joseph Grech.

Jgħid li ommu mietet fis-26 ta' Diċembru, 2016 u b'testment li kienet għamlet flimkien ma' missieru fis-16 ta' Jannar, 1999 innominat lill-partijiet ilkoll werrieta fi kwoti ndaqs bejniethom.

Jiddikjara li f'Mejju 2013 meta missieru kien diġà mejjet ommu selfet lil ħuh Michael Angelus sive Kenenth Grech l-ewwel għaxart elef ewro (€10,000) u aktar tard sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000).

Iżid li dwar l-għaxart elef ewro (€10,000) ma saritx kitba iżda huwa kien preżenti meta seħħ dan is-self. Jgħid li addirittura kien huwa li ġabar l-għaxart elef ewro (€10,000) lil ommu sabiex din għaddiethom imbagħad lil ħuh Kenneth. Iżid li preżenti dakinhar tas-self tal-għaxart elef ewro (€10,000) kien hemm ukoll oħtu Lina Muscat. Jgħid li ommu kemm-il darba qaltlu jara li ssir karta dwar dawn l-

[6] Verbal a fol. 58 u 59.
[7] Verbal a fol. 58 u 59.
[8] Verbali a fol. 63, 64, 67, 68, 70, u 71.
[9] Verbal a fol. 96 u 97.
[10] Nota a fol. 99. Kuntratt ta' separazzjoni personali a fol. 100 sa 106.
[11] Verbal a fol. 107 u 108.
[12] Verbal a fol. 109 u 110.
[13] Affidavit a fol. 28 u 29.

għaxart elef ewro (€10,000) iżda għalkemm ħuh Kenneth kien jaċċetta li din issir baqgħet qatt ma saret.

Dwar is-self ta' sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000) jgħid li kienet saret karta quddiem in-Nutar Valerie Said.

Jiddikjara li għalhekk ħuh Kenenth issellef mingħand ommhom total ta' sebgħa u tmenin elf ewro (€87,000) b'dan iżda li bħala werriet tagħha għandu dritt għall-valur ta' sbatax-il elf erba' mitt ewro (€17,400) li jħallu valur dovut minnu lil kumplament tal-aħwa ta' disgħa u sittin elf sitt mitt ewro (€69,600) fil-valur ta' sbatax-il elf erba' mitt ewro (€17,400) kull wieħed.

Jiddikjara li huma wkoll dovuti l-interesi bit-tmienja fil-mija (8%) mit-18 ta' Mejju, 2018, data ta' meta huwa u ħutu bagħtu l-ittra uffiċjali lil ħuhom Kenenth, sal-pagament effettiv.

Jgħid li ħuh Kenneth kien qal li ser iħallas l-ammont dovut sal-aħħar tal-2018 iżda dan m'għamlux.

**B'affidavit ulterjuri**, iddikjara[14] li peress li l-unika oħtu kienet għamlet żmien tgħix l-Awstralja, meta ommu daħlet fiż-żmien ħadd mill-aħwa subien ma seta' jdur biha b'dan li marret tgħix f'dar tal-anzjani f'San Lawrenz, Għawdex.

Jiddikjara li qabel marret fid-dar tal-anzjani, ommu kenet għaddietlu d-deheb u xi flus sabiex joħdilha ħsiebhom. Iżid li l-flus kienu f'envelop abjad issiġillat bil-firma tagħha.

Jiddikjara li xi żmien wara oħtu ġiet lura mill-Awstralja għalkollox b'dan li ħadet lil ommu lura fid-dar tagħha stess fejn daret biha hi.

[14] Affidavit a fol. 43 u 44.

Jgħid li darba kien id-dar ta' ommu u kien hemm ukoll ħuh Kenneth u oħtu Lina. Iżid li dakinhar ommu talbitu l-envelop tal-flus. Jiddikjara li huwa mar għalih dak il-ħin stess flimkien ma' oħtu Lina u ħadu għadu ssiġillat lil ommu fejn dan infetaħ minnu fil-preżenza ta' ommu, Lina, u Kenneth. Jiddikjara li għoddew il-flus fejn kien hemm għaxart elef ewro (€10,000) li huwa għadda lil ommu u ommu għaddiet lil Kenneth dak il-ħin stess.

Jiddikjara li dakinhar lil Kenneth ommu għamlithielu ċara li dak kien self u li l-flus kellu jroddhomlha lura.

Jiddikjara li xi żmien wara ommu silfet sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000) lil Kenneth. Jgħid li huwa ma kienx preżenti meta saret l-iskrittura ta' self dwar dan u anqas kien jaf li ser isir dan is-self.

Jgħid li huwa sar jaf bis-self ta' sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000) wara l-fatt kompjut meta huwa u oħtu Lina kienu saqsew lil ommhom jekk kinitx saret karta dwar l-għaxart elef ewro (€10,000). Jgħid li hawnhekk ommhom uriethom karta li kienet iżda għal sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000). Jgħid li meta saqsa 'l ommu x'ġara mill-għaxart elef ewro (€10,000) din kienet qalet li kellha l-impressjoni li dawn ġew inklużi mat-total. Jgħid li l-għaxart elef ewro (€10,000) m'humiex inklużi fis-sebgħa u sebgħin elf (€77,000) tant li ommu bdiet tgħidlu jieħu ħsieb li ssir karta dwar l-għaxart elef ewro (€10,000) wkoll.

Jgħid li huwa kien javviċina lil ħuh Kenneth sabiex issir karta dwar l-għaxart elef ewro (€10,000) iżda għalkemm dan kien jaċċetta li din issir din baqgħet qatt ma saret.

**Ursola sive Lina Muscat**, attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[15] Tiddikjara li waqt li hija kien għadha tgħix l-

Awstralja ommha għamlet xi żmien f'dar tal-anzjani f'San Lawrenz, Għawdex. Tgħid li tul dan iż-żmien il-flus u deheb tagħha kienu miżmuma minn ħuha Sammy.

Tiddikjara li meta hija ġiet lura tgħix Għawdex għal dejjem, ħarġet lil ommha mid-dar tal-anzjani u ħaditha lura f'darha fejn kienet iddur biha hi.

Tgħid li darba minnhom ħuha Kenneth qalilha li kellu bżonn xi flus. Iżżid li hija qaltlu li jkun aħajr ikellem direttament lil ommhom.

Tiddikjara li darba oħra kienu d-dar ta' ommhom hi, Sammy, Kenneth, u ommhom fejn Kenneth talab self lil ommhom. Tgħid li ommhom qalet lil Sammy joħdilha envelop tal-flus li kellha għandu sabiex issellef il-flus lil Kenenth. Tgħid li hi u Sammy marru d-dar ta' Sammy dak il-ħin stess sabiex iġibulha l-envelop. Iżżid li tiftakar li l-envelop kien għadu ssiġillat u mmarkat bil-firma ta' ommhom. Tgħid li l-envelop infetaħ quddiemha minn Sammy fil-preżenza ta' ommhom u Kenneth.

Tiddikjara li l-flus ġew magħduda u kien hemm għaxart elef ewro (€10,000). Tgħid li dawn ġew mgħoddija lil ommhom li mbagħad għaddiethom lil Kenneth bl-intiża ċara li dan kien self u li Kenneth kellu jrodd dawn il-flus lura.

Tiddikjara li meta saret l-iskrittura dwar is-sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000) hija ma kinitx preżenti. Taf iżda li ommha kienet qalet li ser iġġib nutar id-dar fejn hija kienet ħasbet li dan kien dwar l-għaxart elef ewro (€10,000).

[15] Affidavit a fol. 45 u 46.

Tgħid li darba fost l-oħrajn kienu għand ommhom hi u Sammy u staqsewha jekk qattx saret karta dwar l-għaxart elef ewro (€10,000). Tgħid li dak il-ħin ommhom uriethom l-oriġinal ta' karta b'din iżda kienet dwar is-sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000). Tgħid li hawn staqsew lil ommhom dwar l-għaxart elef (€10,000) b'din qaltilhom li kellha l-impressjoni li dawn kienu inklużi. Iżżid li dan iżda ma kienx il-każ tant li ommhom bdiet imbagħad tgħid lil ħuha Sammy u anke lilha sabiex jiġru wara Kenneth biex issir karta dwar l-għaxart elef ewro (€10,000).

Tgħid li Kenneth qatt ma iffirma karta dwar l-għaxart elef ewro (€10,000) b'ommha kienet tibqa' tgħidilha li kellha ssir din il-karta.

Tiddikjara li ommha stess kemm-il darba ppruvat iċċempel lil Kenneth quddiemha dwar l-għaxart elef (€10,000) iżda huwa ma kienx jirrispondiha.

Tannetti l-oriġinal tal-iskrittura dwar is-self tas-sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000).[16]

**Valerie Said**, Nutar, xehdet[17] li d-dokument ossia ftehim a fol. 47 tal-proċess kien ġie miktub minnha. Tgħid li l-istess skrittura saret wara li ċemplilha Kenneth Grech u qalilha tmur għand ommu Rita.

Tgħid li oriġinarjament hija ma ssejħitx sabiex tagħmel din l-iskrittura iżda sabiex tagħmel prokura. Iżżid li l-ftehim sabiex issir l-iskrittura sar meta waslet id-dar ta' omm Kenneth Grech u ġiet infurmata li bejniethom għaddew xi

[16] Karta ċkejkna mehmuża ma' paġna fil-proċess a fol. 47, datata l-21 ta' Mejju, 2013 u ffirmata minn Michael Angelus sive Kenenth Grech b'rikonoxximent li huwa debitur ta' ommu, Rita Grech, ukoll firmatarja, fil-valur ta' sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000). Il-karta hija ffirmata wkoll min-Nutar Valerie Said bħala xhud tal-identitajiet u l-firem.
[17] Traskrizzjoni a fol. 51 sa 54.

flus mislufin lil Kenneth mingħand ommu Rita sabiex Kenneth iħallas xi dejn.

Tgħid li din kienet ir-raġuni għaliex l-iskrittura nkitbet bl-id dak il-ħin stess.

Tgħid li l-flus m'għaddewx dak il-ħin quddiemha iżda hija kienet infurmata li dawn kienu diġà għaddew mingħand Rita għal għand Kenneth.

Tgħid li bħala total tal-ammont misluf u data sa meta kellu jitħallas lura minn Kenneth lil Rita dawn ġew maqbula dak il-ħin stess quddiemha.

**Georgina Gauci**, in rappreżentanza tal-Bank of Valletta p.l.c., xehdet[18] billi ppreżentat *statements* mill-kont ta' Rita Grech[19] għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2010 sal-aħħar ta' Diċembru, 2013.

Tgħid li f'dak il-perjodu kien hemm ġbid ta' żewg ammonti ta' għaxart elef ewro (€10,000) jew aktar, it-tnejn fl-24 ta' Mejju, 2013, wieħed fil-valur ta' sittin elf mitejn u erbgħa u tletin ewro (€60,234) u ieħor fil-valur ta' sbatax-il elf ewro (€17,000).

**Michael Angelus sive Kenneth Grech**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[20] Jiddikjara li billi huwa negozjant minn żmien għal żmien kien jiġi bżonn tal-flus.

Jgħid li f'xi żmien kien qiegħed jiżviluppa art f'«Ta' Mliet» u b'hekk ġie bżonn xi flus. Iżid li kien għalhekk kellem lil

[18] Traskrizzjoni a fol. 55 u 56.
[19] *Statements* f'envelop ta' lewn kannella a fol. 57.
[20] Affidavit a fol. 73 u 74.

ommu dwar self u hi kienet aċċettat tisilfu sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000) li huwa kellu jħallas lura sal-2015.

Jgħid li f'dan l-istess żmien huwa kien għaddej minn separazzjoni personali b'dan li ma setax jonora l-pagamenti lura lil ommu. Jgħid li ommu kienet fehmet din is-sitwazzjoni.

Jgħid li l-għaxart elef ewro (€10,000) kienu fil-fatt rigal mingħand ommu bil-valur anqas kien eżatt għaxart elef ewro (€10,000) iżda inqas. Jgħid tant dak l-ammont iżgħar kien rigal li filwaqt li dwar is-sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000) sar ftehim dwar dan ma sarx.

Jiddikjara li wara li ġiet nieqsa ommu ħutu bdew jinsistu li huwa għandu jagħti lura kemm is-sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000) kif ukoll l-għaxart elef ewro (€10,000) li ma kien qatt il-ftehim.

**In kontroeżami**, xehed[21] li huwa jaqbel li l-valur ta' sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000) huwa dovut. Iżid li l-valur l-ieħor—ta' għaxart elef ewro (€10,000)—ġie mogħti lilu mingħand ommu b'rigal u allura mhux dovut lura. Jgħid li dan ir-rigal ommu tatulu meta kien qed jibni x-*showrooms* tar-Rabat, Għawdex. Iżid li dawn tathomlu minn jedda mhux għax talabhomlha.

Jgħid li ommu kienet taf li kien qed jibni r-Rabat għax ġieli ħadha fuq il-post bħala dawra.

Jgħid li bejn ir-rigal ta' għaxart elef ewro (€10,000) u s-self ta' sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000) għadda ż-żmien

[21] Traskrizzjoni a fol. 86 sa 95.

iżda ma jafx kemm għadda żmien. Jaħseb li għaddew xi xahrejn jew tlieta.

Jgħid li kuntratt dwar l-għaxart elef ewro (€10,000) ma sarx peress li dan kien rigal. Jgħid li ma jafx mnejn ġabet l-għaxart elef ewro (€10,000) ommu.

Jgħid li fil-mument li ommu tatu l-flus hija kienet diġà armla iżda dejjem kellha flus.

Jiċħad li ommu, ħuh Sammy, jew oħtu Lina xi darba ġrew warajh sabiex isir kuntratt dwar l-għaxart elef ewro (€10,000). Jgħid li kuntratt sar biss dwar is-sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000). Jgħid li fejn ħuh Sammy xehed li huwa ġera warajh fuq struzzjonijiet ta' ommu sabiex isir kuntratt dwar l-għaxart elef ewro (€10,000) l-istess ħuh gideb.

Jaqbel li jippreżenta b'nota l-kuntratt ta' separazzjoni minn mal-eks mara tiegħu.

## Ċ. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din il-kawża l-atturi talbu lil din il-Qorti tiddikjara lill-konvenut debitur fil-konfront tagħhom fl-ammont ta' disgħa u sittin elf sitt mitt ewro (€69,600) u tikkundanna lill-istess konvenut iħallashom l-istess somma flimkien mal-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) mit-18 ta' Mejju, 2018—data tal-ittra uffiċjali numru 297/2018 li nnotifikaw lill-konvenut[22]—sad-data tal-pagament effettiv.

Qabel dan talbu wkoll deċiżjoni bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12, tal-Liġijiet ta' Malta.

[22] Kopja tal-ittra uffiċjali a fol. 25 u 26.

Talba li ġiet debitament kontestata mill-konvenut u miċħuda mill-Qorti a tenur tal-Artikoli 170(2) u 170(4) tal-Kap. 12 b'digriet tal-11 ta' Ġunju, 2019.[23]

Il-konvenut laqgħa għat-talba attriċi għall-kundanna tiegħu għall-ħlas billi eċċepixxa li l-istess hija infondata fid-dritt u fil-fatt u li mhux minnu li dak reklamamt mill-atturi huwa l-ammont dovut minnu lura lilhom stante li l-għaxart elef ewro (€10,000) mill-ammont reklamat ma kienx mogħti lilu bħala self b'dan li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-assjem tal-provi in atti jirriżulta ampjament li l-partijiet huma aħwa ġermani Grech u li ommhom, id-defunta Rita Grech, għaddiet xi flejjes lil binha, il-konvenut Kenneth Grech.

Bejn il-partijiet hemm qbil ċar u manifest li għaddew żewġ ammonti mingħand ommhom Rita Grech għal għand il-konvenut Kenneth Grech: wieħed ċar u kkonfermat fil-valur ta' sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000)[24] u ieħor li l-atturi jgħidu li huma ċerti li kien ta' għaxart elef ewro

[23] Digriet kontenut fil-verbal tal-udjenza tal-istess data, 11 ta' Ġunju, 2019. Verbal a fol. 38 u 39.

[24] Ref: il-5 premessa fir-rikors promotur ġuramentat tal-atturi — a fol. 2. Il-kopja ta' skrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu datata l-21 ta' Mejju, 2013 a fol. 23 u 24. Ir-4 paragrafu tal-ewwel affidavit tal-attur Sammy Grech a fol. 28. Il-5 paragrafu tal-affidavit ulterjuri tal-istess attur Sammy Grech a fol. 43. Il-5 pargrafu tal-affidavit tal-attriċi Lina Grech a fol. 45. L-original tal-iskrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu datata l-21 ta' Mejju, 2013 a fol. 47. Xhieda tan-Nutar Valerie Said li dderiġiet l-istess skrittura privata a fol. 51 sa 54. Ir-4 paragrafu tal-affidavit tal-konvenut Kenneth Grech a fol. 73. L-ammissjoni tal-istess konvenut Kenenth Grech fix-xhieda tiegħu a fol. 86. Id-dikjarazzjoni verbalizzata fil-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Ottubru, 2022 a fol. 96.

(€10,000) mentri l-konvenut filli jgħid li kien ta' €10,000 u filli jgħid li kien anqas minn €10,000.[25]

Dwar l-intenzjoni wara ż-żewġ trasferimenti ta' flejjes, huwa ċar li l-ammont ta' sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000) mgħoddi minn omm il-partijiet kontendenti—Rita Grech—lill-konvenut Kenneth Grech kien self li kellu jitħallas lura.

Dan jirriżulta ampjament u konsistentement mill-provi u speċifikatament mill-original tal-ftehim privat ta' kostituzzjoni ta' debitu ffirmat mill-istess Rita Grech u Kenneth Grech fil-preżenza tan-Nutar Valerie Said bħala xhud tal-identitajiet u l-firem.[26]

Oltre l-istess ftehim privat ta' kostituzzjoni ta' debitu ffirmat mill-istess Rita Grech u Kenneth Grech fil-preżenza tan-Nutar Valerie Said, dwar dawn is-sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000) hemm ukoll l-ammissjoni u aċċettazzjoni tal-konvenut Kenenth Grech li dan kien self li kellu jitħallas lura meta fix-xhieda mogħtija minnu nhar il-21 ta' Ottubru, 2022[27] jaqbel li huwa ssellef dawn is-sebgħa u sebgħin elf

[25] Il-konvenut jiddikjara dan it-tieni ammont bħala fil-valur ta' għaxart elef ewro (€10,000) fl-ittra legali responsiva tiegħu mibgħuta f'ismu mid-difensur legali tiegħu lill-atturi nhar il-25 ta' Mejju, 2018—kopja a fol. 27—kif ukoll fit-tieni eċċezzjoni tiegħu proposta fir-risposta ġuramentata tiegħu—a fol. 40. L-istess konvenut jgħid iżda li dan l-ammont kien f'valur inqas minn għaxart elef ewro (€10,000) fis-7 paragrafu tal-affidavit tiegħu a fol. 73. Mistoqsi dwar dan l-ammont in kontroeżami magħmul lilu fuq dak dikjarat minnu fl-affidavit tiegħu jonqos iżda milli jinsisti li dan l-ammont ma kienx fil-valur ta' għaxart elef ewro (€10,000).
[26] L-original jinsab a fol. 47.
[27] Traskrizzjoni a fol. 86 *et seq.*

ewro (€77,000) mingħand ommu u li dawn huma dovuti lura minnu lil ħutu.

Mhux l-istess dwar l-ammont ta' għaxart elef ewro (€10,000) jew ċirka.

Hawnhekk, l-atturi jinsistu li dawn l-għaxart elef ewro (€10,000) għaddew b'self mingħand ommhom Rita Grech għal għand ħuhom Kenneth Grech fil-preżenza tal-atturi Sammy Grech u Lina Muscat wara li dawn inħarġu minn envelop li ommhom kienet għaddiet lill-istess Sammy Grech issiġillat kif baqa' sakemm infetaħ sabiex sar dan it-trasferiment ta' flus kontanti. Jinsistu wkoll li l-awtriċi tagħhom, ommhom Rita Grech, insistiet li ssir skrittura dwarhom mal-konvenut.

Da parti tiegħu, il-konvenut mhuwiex konsistenti dwar il-valur ta' dan it-tieni ammont ta' flus u fix-xhieda tiegħu kien evażiv dwar minn fejn ġabet l-istess ommu. L-unika insistenza li jagħmel dwar dan l-ammont ta' flus hija li dan ma kienx self iżda rigal u li mhux minnu li ommu u ħutu Lina Muscat u Sammy Grech ġrew warajh sabiex issir skrittura dwaru.

Rigward dan l-ammont ta' għaxart elef ewro (€10,000) jew ċirka din il-Qorti hija sprovvista minn ħsieb miktub tal-oriġinarja tal-istess—l-awtriċi tal-partijiet kontendenti, ommhom Rita Grech—kif għandha fil-każ tal-ammont ta' sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000) u trid għalhekk tistrieħ fuq il-probabbiltà u l-kredibbiltà tal-provi prodotti mill-partijiet.

Il-ġurisprudenza nostrana hija ampja u konsistenti f'dan ir-rigward.

Kif jinsab ritenut fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell mogħtija nhar is-27 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet ***Angelo Sant et vs Paul Sant et,***[28] meta si tratta ta' żewġ verżjonijiet kontrastanti, il-każ neċessarjament jirriduċi ruħu f'wiehed ta' kredibbiltà u verosimiljanza tal-verżjonijiet mogħtija.

Bl-istess mod, fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet ***George Bugeja vs Joseph Meilak,***[29] ġie ritenut:

> *Fil-kamp civili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti għall konvinciment. Għax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta mingħajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

B'dan li l-Qorti għandha tara jekk verżjoni waħda għandhiex teskludi lill-oħra fuq bilanċ ta' probabbilitajiet u b'hekk issib rifuġju fir-regola *in dubio pro reo*.

Fil-kawża *de quo*, din il-Qorti tapprezza li l-awtriċi tal-partijiet kontendenti Rita Grech u żewġha Joseph Grech jidhru li kienu propensi jgħinu lil uliedhom tul ħajjithom.

Dan, din il-Qorti tisiltu mhux biss mill-fattispeċi ta' din il-kawża fejn huwa ċar li l-istess Rita Grech għaddiet diversi

---

[28] Appell Ċivili Numru 152/1999/2.
[29] Ċitazzjoni Numru 462/2002/1.

flejjes lill-konvenut. Iżda wkoll mit-testment *unica charta* li insinwaw l-istess Rita u Joseph konjuġi Grech fis-16 ta' Jannar, 1999 in atti Nutar Joanne Cauchi[30] fejn il-konjuġi Grech jidhru jagħmlu dispożizzjonijiet favur uliedhom ilkoll. Jidhru wkoll jagħmlu ċerti aċċertamenti bil-miktub kif saħansitra għamlet Rita Grech mal-konvenut rigward is-self ta' sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000).

Jirriżulta għal din il-Qorti li l-intiża tal-awtriċi tal-partijiet kontendenti li ssir ktiba wkoll rigward l-għaxart elef ewro (€10,000) għandha aktar mill-verosimili mill-insistenza tal-konvenut li dan il-valur kien rigal meta l-istess konvenut naqas milli jagħti spjegazzjoni kredibbli dwar l-allegata propensità ta' ommu li tagħtih rigal ta' dan il-valur mingħajr ma tagħmel dan ċar bil-miktub meta minn imkien ma jirriżulta li ommu seta' kellha kwistjonijiet ma' wliedha l-oħrajn li wassluha tiddeċiedi li tivvantaġġa lilu a preġudizzju tagħhom.

Dan oltre l-fatt li l-istess konvenut deher retiċjenti f'li jipprovdi informazzjoni rikjesta minnu in kontroeżami, konsistentement jirrispondi li ma jiftakarx jew ma jafx jew li l-atturi jew min minnhom huma giddibien.

B'dan li allura din il-Qorti tasal għall-konvinċiment morali li anke dan l-ammont kien misluf lill-konvenut mingħand ommu li, wara kollox, jammetti li ta' sikwit kien jiġi bżonn il-flus sabiex jiffinanzja negozji varji tiegħu.[31]

Din il-Qorti tasal ukoll għall-konvinċiment morali li l-valur ta' dan l-ammont kien fil-fatt ta' għaxart elef ewro

[30] Kopja a fol. 10 sa 12.
[31] Ref. l-1 u t-3 paragrafi tal-affidavit tal-konvenut a fol. 73.

(€10,000)—valur li l-atturi kienu konsistenti dwaru mentri kif diġà spjegat il-konvenut ma kienx.[32]

Rigward it-total mitlub b'din l-istanza mill-atturi mingħand il-konvenut fil-valur ta' disgħa u sittin elf sitt mitt ewro (€69,600); jirriżulta li dan it-total huwa korrett tenut kont li s-self magħmul mill-awtriċi tal-partijiet kontendenti, ommhom Rita Grech, lill-konvenut kien f'total ta' sebgħa u tmenin elf ewro (€87,000) li minnhom irid jitnaqqas il-valur ta' sbatax-il elf erba' mitt ewro (€17,400) bħala kwinta parti dovuta lill-konvenut bħala koeredi universali mal-atturi, b'dan li jibqa' għalhekk dovut il-valur ta' disa' u sittin elf ewro (€69,600).

Il-Qorti tosserva li fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru, 2022 id-difensur legali tal-konvenut iddikjara li kellu jiġi effetwat pagament ta' tletin elf ewro (€30,000) favur id-debitu tal-konvenut verso l-atturi. Ebda prova ma nġabet quddiem din il-Qorti dwar jekk tali pagament ta' tletin elf ewro (€30,000) sarx b'dan li allura din il-Qorti ma tistax tippreżumi li sar.

Jingħad ulterjorment, u *ai fini* tad-deċiżjonijiet u l-ordnijiet dwar l-imgħax li ser isegwu, li l-kopja fotostatika tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Mejju, 2018 numru 297/2018 magħmula mill-atturi kontra l-konvenut, kopja ta' liema tinsab a fol. 25 b'kopja tat-timbru tan-notifika a fol. 26 tal-proċess, ġiet aċċettata mill-konvenut bħala suffiċjenti bid-difensuri legali tiegħu eżentaw lill-atturi milli jippreżentaw kopja awtentikata tagħha.[33]

## DECIDE:

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi

din il-kawża billi filwaqt illi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut konformement ma' dak hawn deċiż:

1. Tiddisponi mill-ewwel talba attriċi dwar deċiżjoni ta' din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha stante d-digriet tal-11 ta' Ġunju, 2019;[34]

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi u tiddikjara lill-konvenut debitur tal-atturi fl-ammont ta' disgħa u sittin elf sitt mitt ewro (€69,600);

3. Tilqa' t-tielet talba attriċi u tiddikjara lill-konvenut responsabbli għall-ħlas tal-imgħax fuq il-valur ta' disgħa u sittin elf sitt mitt ewro (€69,600) bit-tmienja fil-mija (8%) mit-18 ta' Mejju, 2018—data tal-ittra uffiċjali 297/2018 notifikata lilu—sad-data tal-pagament effettiv;

4. Tilqa' r-raba' talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi is-somma ta' disgħa u sittin elf sitt mitt ewro (€69,600) flimkien mal-imgħax fuq l-istess bit-tmienja fil-mija (8%) mit-18 ta' Mejju, 2018—data

[32] Il-konvenut jiddikjara dan l-ammont bħala fil-valur ta' għaxart elef ewro (€10,000) fl-ittra legali responsiva tiegħu mibgħuta f'ismu mid-difensur legali tiegħu lill-atturi nhar il-25 ta' Mejju, 2018—kopja a fol. 27—kif ukoll fit-tieni eċċezzjoni tiegħu proposta fir-risposta ġuramentata tiegħu—a fol. 40. L-istess konvenut jgħid iżda li dan l-ammont kien f'valur inqas minn għaxart elef ewro (€10,000) fis-7 paragrafu tal-affidavit tiegħu a fol. 73. Mistoqsi dwar dan l-ammont in kontroeżami magħmul lilu fuq dak dikjarat minnu fl-affidavit tiegħu jonqos iżda milli jinsisti li dan l-ammont ma kienx fil-valur ta' għaxart elef ewro (€10,000).

[33] Ref. verbal tad-29 ta' Ottubru, 2019 a fol. 58 u 59 u tal-1 ta' Marzu, 2023 a fol. 107 u 108.

[34] Digiret kontenut fil-verbal tal-udjenza tal-istess datat a fol. 38 u 39.

tal-ittra uffiċjali 297/2018 notifikata lilu—sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż ta din il-kawża inkluż tal-ittra uffiċjali numru 297/2018 u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 15/2019 BS fl-ismijiet Saviour sive Sammy Grech et vs Michael Angelus sive Kenenth Grech a karigu tal-konvenut.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**